MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2004

Ċitazzjoni Numru. 449/2002/1

**Cit Nru: 449/02 JA.**

**Dhalia Investments Limited.**

**-vs-**

**Stencil Pave (M) Limited.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fit-18 t' April, 2002 li bih s-socjeta' attrici ppremettiet:

Illi s-socjeta' attrici kienet qabbdet lis-socjeta' konvenuta sabiex din ta' l-ahhar aghmel xi xogholijiet ta' pavimentar fl-ufficini tas-socjeta' attrici f' Notabile Road, Imriehel.

Illi dan ix-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti.

Illi ftit wara li kien sar dan ix-xoghol, kienu nqalghu xi hsarat fl-istess xoghol ta’ pavimentar mahmul mis-socjeta’ konvenuta.

Illi l-istess socjeta’ konvenuta kienet ghamlet xi gholijiet ta’ riparazzjoni fil-pavimentar fil-fond tas-socjeta’ attrici fi Triq Notabile kif rikjest mill-istess socjeta’ attrici.

Illi wara li saru dawn ix-xogholijiet ta’ riparazzjoni, regghu inqalghu hsarat fil-pavimentar.

Illi minkejja li s-socjeta’ konvenuta giet interpellata divesi drabi sabiex tissewwa l-hsara fil-pavimentar, din baqghet inadempjenti, tant li s-socjeta’ attrici sofriet danni kawza ta’ din l-inadempjenza da parti tas-socjeta’ konvenuta.

Ghalhekk titlob lill-din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ ghandhiex:

1. Tiddikjara li x-xoghol maghmul mis-socjeta’ konvenuta fil-fond tas-socjeta’ attrici f’ Notabile Road, Mriehel, ma sarx skond is-sengha u l-arti;

2. Tiddikjara li s-socjeta’ attrici soffriet danni konsegwenza n-egligenza tax-xoghol hazin esegwit mis-socjeta’ konvenuta;

3. Tillikwida d-danni okkorrendo bl-opera ta’ peri nominat.

4. Tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas id-danni kif likwidati.

Bl-ispejjes kontra s-socjeta’ konvenuta minn issa inunta in subizzjoni inkluzi dawk ta’ ittri interpellatorji u bl-imghax relattiv sal-pagament effettiv.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ attrici mahlufa mill-Av. Dr. Gavin Gulia fit-18 t’ April, 2002 u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta pprezentata fl-10 ta’ Mejju, 2002 li permezz taghha eccepew illi:

1. In linea preliminari, is-socjeta’ esponenti umilment teccepixxi l-eccess ta’ kompetenza “ratione valoris” ta’ dina l-Onorabbli Qorti, stante illi ai termini tal-klawsola sitta (6) tal-kundizzjonijiet li jirregolaw il-kuntratt in ezami (Dokument ‘A’) u kif ukoll ai termini tal-ligi, is-socjeta’ esponenti tista’ tigi kkundannata biss li terga’ tezegwixxi x-xoghol difettuz mill-gdid – ghal liema xoghol is-socjeta’ attrici hallset anqas minn Lm5,000;

2. In linea preliminari wkoll, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. In linea preliminari wkoll, izda minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet preliminari hawn fuq sollevati, l-azzjoni attrici hija f’ kull kaz insostenibbli, stante illi a tenur tal-klawsola sitta (6) tal-kundizzjonijiet li jirregolaw il-kuntrat in ezami, is-socjeta’ attrici lliberta lis-socjeta’ esponenti minn kull responsabilita’ ghad-danni konsegwnzjali u rizultanti minn xoghol difettuz u nieqes mis-sengha w l-arti;

4. Illi, dwar il-mertu, u minghajr ebda pregudizzju ghall-eccezzjonijiet preliminari hawn fuq eccepiti, ma huwiex minnhu illi x-xohol ezegwit mis-socjeta’ esponenti ma sarx skond is-sengha w l-arti, u fi kwlasisasi kaz, kull hsara li rrizultat fl-istess xoghol iet debitament rizolta ghas-spejjez tal-istess socjeta’ esponenti u ghas-sodisfazzjoni tas-socjeta’ attrici;

5. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma huwiex minnhu illi s-socjeta' attrici sofriet id-danni allegati minnha, tant illi, kif ser jirrizulta fil-kors tat-trattazzjoni f' din il-kawza, is-socjeta' attrici baqghet taghmel uzu regolari mix-xogholijiet in kwistjoni;

6. B' riserva ghal kull eccezzjoni ulterjuri fir-rigward tal-kwantum tad-danni li ghad irid jigi identifikat mis-socjeta' attrici.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' konvenuta mahlufa minn Bonaventura Farrugia fl-10 ta' Mejju, 2002 u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali u l-verbal tas-seduta tal-31 t' Ottubru, 2003 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta.

Ikkunsidrat:

Illi kif gia inghad din is-sentenza qed tigi pronunzjata fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta illi kif gia ukoll inghad tirrigwardja l-kompetenza *'ratione valoris'* ta' din il-Qorti. Dan ghaliex skond is-socjeta' konvenuta, ai termini tal-Artikolu sitta (6) tal-kuntratt in kwistjoni, u anke skond il-ligi, l-istess socjeta' konvenuta tista' tigi kkundannata biss li terga tesegwixxi x-xoghol mill-gdid, ghal-liema xoghol is-socjeta' attrici hallset inqas minn hamest elef Lira Maltin (Lm5,000) u cioe' inqas mill-kompetenza ta' din il-Qorti.

Fil-verita' dak li qed issostni s-socjeta' konvenuta hu korrett ghaliex il-kuntratt in kwistjoni jghid fl-artikolu imsemmi fl-eccezzjoni illi:

***The liability of the company shall in all cases be limited to be replacement of the defective works. The clients acknowledges that the company shall not be liable to the client or any other person or entity .... for special or consequential damages ...***

Illi ghalhekk is-socjeta' konvenuta mhijiex, skond il-kuntratt tentuta iktar milli tirrimpjazza x-xoghol u skond l-istess dokument, l-ammont li hallset is-socjeta' attrici ghall-appalt kien ta' tlett elef, tmien mija u hamsin Lira Maltin (Lm3,850).

Illi ghalhekk billi t-talba attrici hija ghal danni, hu car li ma setghetx tirriklama iktar mill-imsemmija somma, liema somma hija fil-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati. L-artiklu 748 tal-Kapitolu 12 jaghmilha cara li l-valur f' kaz simili jigi determinat mit-titolu li jaghti lok ghall-kawza, f' dan il-kaz il-kuntratt tal-appalt.

**Ghaldaqstant il-Qorti tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti, u tiddikjara li mhijiex kompetenti biex tisma' u tiddeciedi t-talba tal-atturi.**

**L-ispejjez jigu sopportati mill-atturi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------